KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 52 Tnejn 27 ta' Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:10 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Rachel Tua – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Maria Pia Bonnici fejn talbet biex tkun skużata peress li tinsab ma tiflaħx. Il-Kunsilliera Bonnici ġiet nfurmata biex tiprovdi kopja ta' ċertifikat mediku, biex l'assenza tagħha tkun approvata b'apoloġija.

52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 51
Ref: 51.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Qalbiena Mostin
Is-Sindku nforma li r-rendikont finanzjarju tal-attivita Qalbiena Mostin, ħa tingħata fil-laqgħa li jmiss.

Ref: 51.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Triq il-Fortizza

Is-Sindku nforma li dwar ir-responsabiltajiet tal-MIP id-direttur tal-Gvern Lokali reġa ssuġġerixxa sabiex il-kunsill ma jċediex għar-responsabiltajiet u l-obbligi li għandhom l-MIP fejn jidħlu servizzi ġewwa Żoni Industrijali. Dawn iż-żoni huma ippromulgati mil-Parlament u huma parti mil-liġijiet ta' Malta, u fruntieri jistgħu biss jinbidlu mil-Kummissjoni Elettorali.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 51.

52.2.1 Is-Sindku talab sospensjoni tal-minuti, sabiex jiġi diskuss *item* 52.7 Quarterly Report: Lulju Settembru 2017, u *item* 52.3.6 Cirkulari Nru. 34 - Allokazzjoni Finanzjarja 2018.

## 52.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 52.3.1 Kommunikazzjoni- Mafkar

Is-Sindku nforma li beda l-proċess uffiċjali sabiex Patri Avertan Fenech jsir qaddis.
Il-Kunsill ġie avviċinat biex bi sħab mal-provinċja Karmelitana f'Malta, jitfakkar Patri Avertan Fenech, Mosti, b'lapida biex teħel mad-dar fejn twieled, fi Triq Stivala. Id-disinn tal-lapida ġie finallizzat, pero' *quotes* ma nġabrux qabel ma jkun hemm approvazzjoni mill-Kunsilliera.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-ispejjes tal-lapida jinqasmu mal-provinċja Karmelitana f'Malta. Is-Sindku għandu jiċċekja jekk il-paroċċa tal-Mosta hux ħa tagħti s-sehem tagħha.

### 52.3.2 Kommunikazzjoni-Tabella

Is-Sindku nforma li għanda problema ta' *parking* kif wkoll infurzar ta' karozzi li jipparkjaw quddiem garaxxijiet. Għalhekk ħa jsiru 200 tabella u ħa jiswew 1.75 Ewro l-waħda, biex il-pubbliku jirrispetta sidien ta' garaxxijiet biex ma jipparkjawx quddiem garaxxijiet. Dawn it-tabelli li huma *reflective stickers* jistgħu jitwaħħlu mal-bibien tal-garaxxijiet, jew fuq *pole* li titpoġġa quddiem garaxx.

*Sample* tat-tabella ġiet iċ-ċirkulata mal-kunsilliera għal-approvazzjoni, u s-Sindku talab biex dawn jkunu għal-bejgħ għal 1.50 Ewro jew għal 2 Ewro.

Il-membri preżenti unanimament approvaw id-disinn tat-tabella, kif wkoll biex tinbiegħ jew għal 1.50 Ewro jew għal 2 Ewro, jiddependi bħala Kunsill nistawx inbijawhom bi ftit qligħ. L-amministrazjoni tal-Kunsill għandu jiċċekja jekk hemx bżonn ssir *bye-law*, biex dawn it-tabelli jkunu jistgħu jitpoġġew għal-bejgħ.

### 52.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku - EM Citizen & EM Health Community Training for Adults & Elderly courses

Is-Sindku nforma li t-TCTC reġa wasal biex jagħmel *courses* oħrajn, li huma EM Citizen & EM Health. Dawn isiru min sena għal sena, u jkunu b'xejn ħlief għal ħlas ta' materjal għal min jattendi, u eventwalment jasal *course* ieħor li jagħmel tajjeb għal dak li jsir b'xejn.
Il-membri preżenti unanimament approvaw li jiġi iffirmat dan l-*agreement* mat-TCTC, għal dawn il-*courses*.

Il-Kunsilliera Angele Rapa daħlet għal-laqgħa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**52.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku Quote- Removal and installation of bollards**
Is-Sindku nforma li għandna stima biex jittranġaw il-*bollards* ta' Main Street.
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-*quote* ta' 600 Ewro biex jittranġaw, minflok 2,000 Ewro biex jsiru ġodda.

**52.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku-PA Building Levy tat-Targa Battery**
Is-Sindku nforma li saret applikazzjoni mal-PA biex jsiru xi xogħlijiet, fosthom biex issir fossa ħalli jsiru *toilets*. Intant tlesta xogħol ta' tindif, tibjid u dawl.

Is-Sindku nforma wkoll li talli tapplika l-PA tiċċarġja għal kull metru kwadru, fejn hemm 211 metru kwadru ta' b'4 Ewro, fejn is-somma ġiet 844 Ewro *plus* il-proċess tal-applikazzjoni, fejn is-somma telgħet għal 1,044 Ewro. Is-Sindku nforma li din l-spiża taqa' taħt il-*capital expense* tal-batterija, fejn l-istess batterija hija *leased* lill-Kunsill, u l-iscouts qed jieħdu ħsieb jagħmlu ix-xogħol huma.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-*invoice* ta' l-applikazzjoni tal-PA.

**52.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Cirkulari Nru 34- Allokazzjoni Finanzjarja 2018**
Is-Sindku nforma li Ċirkulari Nru. 34, fejn ġiet ċċirkulata mal-Kunsilliera kollha, tgħid li l-Kunsill tal-Mosta fl'2017 fondi allokati kienu ta' 1.18 miljun Ewro, u fl'2018 dan l'ammont ħa jiżdied għal 1.23 miljun Ewro. Kull Kunsill kellu żieda ta' 4.29%.

**52.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Dwal tal-Milied**
Is-Sindku nforma li min għada ħa tixgħel il-pjazza 'u t-toroq bid-dwal tal-Milied. Spiża ta' 9,000 Ewro dwal, imbagħad hemm spejjes oħra ta' wardens u applikazzjoni tal-*meters* tad-dawl, u konsum tad-dawl, fejn dan ħa jonqos bħala spiża peress li qed jintużaw dwal LED.
Bi pjaċir is-Sindku nforma li mingħand il-ħwienet s'issa inġabret is-somma sabiħa ta' 4,100 Ewro. Bħas-soltu fil-15 ta' Diċembru ħa jkun hemm banda li tibda u tispiċċa mil-pjazza, fejn l-ispiża ħa tkun ta' 400 Ewro. Din ħa tkun banda żgħira ta' 12 mir-ruħ, biex ma jingħalqux it-toroq minħabba l-*businesses*, għax l'għan ta' din il-banda hi biex ngħinu lil-*businesses*. Ser tieħu sehem il-Banda Santa Marija.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

Is-Sindku nforma wkoll li kellna kumment, fejn Triq Kungress Ewkaristiku ingħalqet fis-6pm mingħajr ma kien hemm avviżi fuq il-*bus stops*. Għalhekk ħa nieħdu nota, biex mis-sena dieħla kemm infakkru lil Transport Malta biex dan ma jerġax jirrepeti ruħu.

**52.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Kunsillier Gianluca Busuttil**
Is-Sindku, Kunsilliera, u Segretarju Eżekuttiv f'isem l-istaff tal-Kunsill, awguraw lil Kunsiliier Gianluca Busuttil fejn igradwa fil-*course* tiegħu.

**52.3.9 Korrispondenza – Email – Żewġ funtani quddiem il-Knisja tal-Mosta**
Is-Sindku nforma li rċevejna *email,* fejn id-dipartiment tal-Works and Infrastructure talbu biex ir-responsabilta tal-manutenzjoni tal-funtani kif wkoll il-*meters* tad-dawl jinqelbu fuq il-Kunsill.

Is-Sindku nforma li fil-bidu meta saru l-funtani kien hemm kuntratt tal-Gvern fejn kien responsabbli tagħhom min-nies tiegħu, kif wkoll il-Gvern kellu kuntrattur li jieħu hsieb il-pompi,

dawl, etċ. Dan il-Kuntratt kien skada fl'2015, u kien qed jkollna lmenti li t-tindif mhux qed jsir, ħlief lejliet xi festa kienu qed jiġu jitnaddfu ta' malajr.

Minħabba dan, fiż-żmien l'eks Sindku Edwin Vassallo 'u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, kien sar arranġament verbali mad-dipartiment tal-Works and Infrastructure, fejn il-Kunsill kien qabel li l-Kunsill jieħu f'idejħ b'mod manwali it-tindif tal-funtani peress li d-dipartiment tal-Works and Infrastructure, ma kienux qed jiġu jnadfuhom b'mod regolari. Fil-fatt ħaddiema mid-dipartiment kienu ġew juru lil-*handyman* tal-Kunsill kif jħaddimhom b'mod manwali.

Il-membri preżenti unanimament m'approvawx li r-responsabilta tal-manutenzjoni tal-funtani kif wkoll il-*meters* tad-dawl jinqelbu fuq il-Kunsill.
Rigward tindif, il-membri preżenti ma sabux oġġezjoni biex il-funtani jkomplu jitnaddfu manwalment mil-Kunsill, kif qiegħed diġa jsir.

### 52.3.10 Korrispondenza- Quotation for roof membrane
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni ta' 1,400 Ewro biex jsir ir-*roof membrane*, b'għaxar snin garanzijja.

### 52.3.11 Korrispondenza- Upgrade From Partner to Evolution Sage Evolution Standard Proposal
Is-Sindku nforma li hemm bżonn jiġi *upgraded* is-Sage li huwa *software* ta' l-*accounts,* peress li s-Sage li għandna huwa antik u *obsolete*, u m'għadux jsir *upgrades* u *support* fuqu.
Il-komputer li hemm bħalissa m'huwiex kompatibli biex jieħu l-verżjoni l-ġdida tas-Sage, għalhekk hemm bżonn jinxtara komputer ieħor.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

## 52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 52.4.1 Mera fi Triq il-Għasel
Il-Kunsillier Christian Borg qal li kif tidħol min Triq il-Għasel biex toħroġ għat-Triq 1 ta' Novembru qed jkun hemm ħafna traffiku, pero' l-problema hi li qed jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat. Għalhekk ir-residenti qed jitolbu biex ssir mera kif toħroġ min Triq il-Għasel.

Il-membri preżenti unanimament approvaw. Il-Kunsillier Borg għandu jipprovdi ndikazzjoni fejn qed jiġi suġġerit li għanda teħel il-mera.

### 52.4.2 Claims
Il-Kunsillier Christian Borg staqsa f'hiex wasal il-proċess tal-*claims*. Is-Sindku nforma li l-bord dalwaqt jiltaqa' biex jingħalqu *claims* li għadhom pendenti.

### 52.4.3 Sound system
Il-Kunsillier Christian Borg qal li l-Kunsill kien qed jikkonsidra jixtri *sound system* peress li l-ispejjes tas-*sound system* għal żewġ attivitajiet sewa madwar 177 u 147 ewro. Is-Sindku kkonferma, u li l-figuri qegħdin mniżlin fil-*purchase order list, item* 1436 u 1439, u qal li għal futur jkun viabli li kif ġie deċiż mil-membri tal-kunsill biex fil-futur ninvestu f'*sound system* tagħna, għalkemm fija żvantaġġ wkoll peress li trid lil xi ħadd biex jimmaniġġja is-*sound system* waqt attivita.

### 52.4.4 Tabelli loading/unloading bay

Il-Kunsillier Christian Borg staqsa f'hiex wasal il-proċess biex titmexxa *loading/unloading bay* fi Triq Kostituzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li jkunu approvati l-minuti tmexxi bl'affarijiet li jkunu ġew approvati fil-laqgħa ta' qabel, u għalhekk fil-jiem li ġejjin ħa ssir it-talba lil Transport Malta. Is-Sindku nforma wkoll li Transport Malta waqaw lura fix-xogħlijiet ta' approvazzjonijiet, u għad għandna affarijiet pendenti.

### 52.4.5 Parking Bays - Triq il-Bufula l-Ħamra

Il-Kunsillier Karl Tanti staqsa dwar *email* li ressaq għal ħabta ta' Lulju min resident ta' Triq il-Bufula l-Ħamra, fuq ħela kbira ta' *parking bays,* għax hemm xi kaxxi sofor li jista jkun m'għadomx validi fejn qegħdin, peress li nbidel l-iżvilupp taż-żona.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat lil *handyman* jiċċekja, u jekk hemm bżonn jsir żebgħa mill-ġdid.

### 52.4.6 Parking Policies ġodda

Il-Kunsillier Karl Tanti staqsa dwar *parking policies* ġodda li l-Kunsill kien qed jikkonsidra. Is-Sindku nforma li meta tkellem mal-Perit kien ta' suġġeriment fejn aħna nistgħu nimplimentaw *parking policies* ġodda, imma meta għandhek *area* mhux miżbugħa, ħa jonqsu l-*parkings* meta tgħamel il-*parking bays.*

Simili ta' kif ġara fi Triq Salvu Aquilina, fejn saru kaxxi sofor minħabba garaxxijiet u tnaqqas il-parking. Meta qabel ir-residenti kienu jafu jekk garaxx hux qed jintuża jew le, u kienu jipparkjaw. Is-Sindku nforma wkoll li meta ġew diskussi il-*yellow boxes*, Is-Sur Dominic Vella ta' Transport Malta qal li *"a yellow box = a white box"*, allura s-Sindku fuq dan, ta' struzzjonijiet lil *handyman* tal-kunsill biex ma nagħmlux iktar *yellow boxes.*

Is-Sindku ta' eżempju fejn resident ġewwa Sta. Margerita applika biex jkollu quddiemu vakanti biex jkun jista joħroġ komdu, u jkollu metru *double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx. Imma r-resident qal li dawn il-linji ma jidhrux, allura bl'istess argument kaxxa safra tidher? Allura tagħmel x'tagħmel fir-realta hija problema ta' *enforcement.*

Is-Sindku qal wkoll li l-mentalita tal-pubbliku hija li ġo kaxxa safra ma tistax tipparkja. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri li għalkemm bniedem jista jipparkja ġo kaxxa safra, ma jistax jitlaq, jrid joqgħod fil-vettura jew fil-viċinanzi fejn jista jara l-vettura, mhux jitlaq mil-post.

Is-Sindku nforma li kif kienu qablu f'laqgħa tal-kunsill biex jsir bil-fondi tal-UIF, jsir eżerċizzju ta' *traffic management*, imma ċerti toroq ħa jkollhom jsiru *one-way. Case in point* Triq Ġorġ Mitrovich u l'*area* taż-Żokkrija, fejn it-toroq huma *two ways* u hemm parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq, allura hemmhekk trid tittieħed deċizjoni eżekuttiva għax ma jistax jkollok parkeġġ fuq iż-żewġ naħat, meta t-triq ma tagħtix biżżejjed spazju. Allura kemm ser nagħmlu *one-ways*? Għax ħafna drabi r-residenti joġġezzjonaw.

Is-Sindku staqsa, allura l-Kunsill lest li jidħol f'dak l'inkarigu fejn jsir eżerċizzju ta' *traffic management,* żona żona? Jew ħa naqbdu u nagħmlu l-linja u nispiċċaw b'aktar problemi?

Il-membri preżenti unanimament approvaw, biex jsir eżerċizzju ta' *traffic management,* żona żona, u mhux nibżgħu l-Mosta kollha għax ċertu toroq mhux possibbli. Il-Kunsillier Karl Tanti li

huwa responsabli mit-trasport ħa jiltaqa' mal-Perit biex ssir pjanta ta' parkeġġ tal-*area* taż-Żokrija u nibdew min din iż-żona.

### 52.4.7 Roundabout tal-Musrun

Il-Kunsillier Karl Tanti staqsa dwar ir-roundabout li jgħidula tal-Musrun, u s-Sindku nforma li ġejna nfurmati mil-Lands li din hija maqsuma fit-tnejn, fejn *area* kbira minnha hija privata, u l-parti ż-żgħira hija tal-Gvern.

### 52.4.8 Triq Patri Ġużè Delia u Triq Patri Karmnu Sciberras

Il-Viċi Sindku James Cassar qal li rċieva lment fejn f'dawn it-toroq peress li hemm żvilupp għaddej, qed jitħalla ħmieġ ta' kostruzzjoni, ġeblow, kaxxex etċ.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienu marru fuq il-post ma l'ex Sindku Ivan Bartolo, il-*handyman* tal-kunsill u tlett uffiċjali tal-LESA. Din hija problema li 'ila għadejja u min naħa tal-Kunsill diġa bgħatna lil-kuntrattur bi *truck* biex titnaddaf l'*area* bosta drabi, pero' ma nafux min huma n-nies li qed jarmu dan il-materjal, u għalkemm jkun hemm min jaf min huma, hemm residenti ma jridux jirrapurtaw għax jafu li jkollhom jitillaw jixhdu. Il-Kunsill m'għandux awtorita jieħu azzjoni ta' *enforcement*, kull ma jista jagħmel u li jkompli jibgħat lil kuntrattur jnaddaf. Kull vjaġġ qed jiswa l-Kunsill 80 Ewro, aparti l'*extra trips* tal-*bulky refuse*.

Is-Sindku nforma li sar jaf min huwa s-sid tal-blokka, u huwa sid li jrid jieħu azzjoni għax hu jaf lil min għandu jgħix jew xtara *unit* fil-blokka tiegħu. Is-Sindku nforma wkoll li sar rapport lil PA *enforcement unit*, u anke bgħatna lil Lands biex jgħidulna *plot* ta' min hi biex insaqsu lis-sid jnaddaf u jibni *boundary wall*, peress li r-residenti taż-żona qed jarmu fiha wkoll. Imma qed nassumu li minħabba *data protection* din l-informazzjoni ma ngħatatx lil Kunsill, għax għadu ma rċeviex din l'informazzjoni.

Is-Sindku nforma lil membri li ġie kkuntatjat mis-Sur Stephen Cassar li huwa responsabbli ta' dawn l'affarijiet mal-LESA, fejn ħa jkun qed jiltaqa' miegħu dalwaqt u jitkellem miegħu.
Is-Sindku qal wkoll li fi Triq Gafa hemm problema simili, fejn residenti qed jitfaw iż-żibel f'kantuniera quddiem proprjeta ta' residenta fejn din toħroġ fil-5:30 ta' filgħodu u ssib iż-żibel quddiema.

Din hija problema kbira madwar ċertu toroq fil-Mosta, u jekk dawn ir-residenti jridu jmorru għand il-*press*, il-Kunsill lest li jappoġghom, pero' jekk mhux ħa jikkoperaw ir-residenti, aħna ma nistawx immorru nagħmlu l'għassa, jrid jsir *enforcement* mil-Pulizija u mil-LESA, dejjem jekk xi residenti li qed jarmu b'mod illegali jinqabdu fil-fatt.

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tibgħat ittra oħra lir-residenti, dwar il-ħinijiet li għandu jinħareġ l-iskart kif wkoll informazzjoni dwar is-servizz b'xejn tal-*bulky refuse.*

### 52.4.9 Knis madwar il-Mosta

Il-Kunsillier Karl Tanti reġa semma il-problema tal-knis li hawn fil-Mosta. Is-Sindku nforma li dalwaqt ħa jsir l-evalwazzjoni tat-tender tal-knis, mis-Sindku, mil-Viċi Sindku u mill-kunsillier Mark Micallef Costa.

52.5 Rapporti

52.5.1 Bye Law dwar l-Użu ta' Faċilitajiet

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-Bye Law.

52.5.2 Applikazzjoni Interna għall-post ta' Skrivan Skala 15

Il-membri preżenti ġew nfurmati li l-iskrivana Liliana Borg irriżenjat mil-kariga tagħha u ħa tmur taħdem Għawdex. Għalhekk, hemm post vakanti ta' skrivan fejn din l-ewwel ħarġet internament bejn l-istaff tal-kunsill, jekk ħadd ma japplika toħroġ sejħa bejn il-Kunsilli ta' Malta u Għawdex, u jekk nerġaw ma jkollniex applikanti li juru nteress, imbagħad tinħareġ sejħa mill-ETC.

52.5.3 Ħarġiet

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija fis-6 ta' Diċembru ġewwa Għawdex.

52.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

52.6.1 Skeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

Pagament numru 2279 ġiet ta' 20 siegħa *overtime,* ġiet approvata pero' intalab biex terġa tiġi ikkonfermata mis-Segretarju Eżekuttiv mal-*handyman* tal-Kunsill. Dawn is-siegħat inħaddmu minn żewġ impjegati tal-CWSES waqt Jum il-Mosta u Festa Qargħasel.

52.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

52.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament

52.7 Quarterly Report: Lulju-Settembru 2017

L'accountant Daniel Galea ta' rendikont u qara' l-Quarterly Report: Lulju-Settembru 2017.

L'ewwel disa' xhur ta-sena 'l-Kunsill spiċċa b'surplus ta' 116,000 Ewro. L-akbar spiża hija ta' *patching,* bankini u *upkeep* ġenerali fejn l'ammont kien ta' 83,000 Ewro, u ġbir u rimi ta' skart fejn l'ammont kien ta' 262,000 Ewro.

Il-Kunsill għadu miexi fi triq it-tajba rigward it-tnaqqis ta' dejn, u nistaw ngħidu li bħal issa il-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni ta' *break even*. Bħala *cash flow* il-kunsill beda s-sena bi 227,000 Ewro il-bank, u sa l-aħħar ta' Settembru flus il-bank kien hemm 390,000 Ewro. Dan jiriżulta fil-pożittiv fejn l'ispejjes qed jonqsu, u l-pagamenti qed jibqaw jiġu onorati.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-Quarterly Report: Lulju-Settembru 2017.

52.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-8:20 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-18 ta' Diċembru 2017 fis-7:00 p.m.

Konfermati llum 27 ta' Novembru 2017.

Keith Cassar
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv